# HALLUNI NDUR U NAGĦQAD

*Ħalluni ndur u nagħqad*
*fl-ilma qiegħed ta' madwari.*
*Tajtuni tazza biex nixrob mingħajr tbatija,*
*tajtuni mgħarfa biex niġbor il-ħama.*

*'Tuni folja karta mħażża,*
*karta vojta u għiduli x'għandi nħażżeż fuqha.*
*Aqbduli idejja biex għall-ħeffa*
*tgħinuni npinġi kwadru jogħġob lilkom.*

*Hudu biċċa ċarruta u libbsuni*
*bl-aħmar jew bil-blù, iswed, liema jogħġobkom.*
*Geżwruni u armuni,*
*għall-anqas ritratt għall-memorja.*

*Għandi għal xix nifraħ li*
*ma ħadtulix moħħi u qalbi*
*li m'għaraftux li qegħdin hemm*
*ħaġa waħda ma' ġismi.*

ANNE MARIE BRINCAT